MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

SEDUTA TAL-11 TA' MARZU, 2014

NUMRU. 335/2007

IL-**PULIZIJA**

**(Spettur Daniel Zammit)**

**Vs**

**Michael Zahra**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat Michael Zahra ta’ 35 sena, bin Alfred u Mary nee’ Spiteri, imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Settembru 1971, detentur tal-karta tal-identita` 0440071M u residenti gewwa Facilita Korrettiva ta’ Kordin gie akkuzat talli :

Nhar l-01 ta’ Gunju 2005, ghal-habta tal-hdax u ghoxrin minuta ta’ filghodu, gewwa Pjazza San Luqa, Pieta’, ghamilt serq minn gewwa l-vettuta Peugeot 406 bin-numru ta’ registrazzjoni BUF010 ghad-dannu ta’ Reno Scerri, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jaqbez il-mitt lira Malin (LM 100) u bix-xorta tal-haga misruqa;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamilt hsara fil-vettura Peugeot 406 bin-numru ta’ registrazzjoni BUF010 ghad-dannu ta’ Reno Scerri, liema hsara kienet taqbez il-hamsin lira Maltin (Lm 50);

U aktar talli sirt recediv b’sentenzi tal-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu. Kif wkoll bi ksur tal-Probation a tenur ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn kont gejt misjub hati b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija bil-gurament;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Nhar l-1 ta` Gunju 2005, Reno Scerri kien ghamel rapport gewwa l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun fejn stqarr li l-vettura tieghu BUF010 kienet ipparkjata fi Pjazza San Luqa, Pieta` u meta mar lura ghall-vettura tieghu sab illi kellha l-*quarter window* tal-bieba tal-passiggier imkissra u mill-vettura nsteraqlu l-mobile tieghu tal-ghamla Samsung. Il-vettura ttiehdet ghal aktar stharrig dwar *finger prints* gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija u minn fuqha elevaw sitt *lifters* – wiehed minn fuq il-bieba ta` wara minn naha ta` gewwa u hamsa minn fuq in-naha ta` barra (1 minn fuq il-bieba ta` quddiem u 4 minn fuq il-bieba ta` wara). Kontestwalment ma` din l-investigazzjoni, l-pulizija rceviet informazzjoni li ppuntat lejn l-imputat bhala s-susspettat dwar din is-serqa. Mill-accertamenti dwar dawn il-*lifters* – in partikolari, *lifter* wiehed li inghata n-numru 05BVA302 - *Impronti digitali misjuba fuq il-bieba ta` wara, naha tal-passiggier, minn barra* – il-pulizija riedu jkellmu lill-imputat. Dan ghaliex, impronta wahda qablet mas-sabgha tan-nofs tal-id ix-xellugija ta` l-imputat, u dana wara li l-impronta giet komparata ma l-impronti tas-swaba u tal-pali tal-idejn ta` Michael Zahra ID.440071M, mehuda fid-9 ta` Lulju 1992 u mizmuma fis-sistema AFIS (sistema li l-pulizija zzomm il-finger prints ta` persuni ssentenzjati mill-Qorti).

Dan hu essenzjalment dak li rrizulta f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista tar-rizultanzi processwali f'dan il-kaz, din il-Qorti tqis li ghandha mill-ewwel tmur fuq l-insenjament tal-**<u>Qorti ta` l-Appell Kriminali</u>** permezz tas-sentenza tat-30 ta` Dicembru 2004 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Noel Frendo" (App. Nru. **173/2003** VDG). Dan hu dak li qalet dik il-Qorti senjatament :

" ………. **Il-qofol ta' l-aggravju ta' l-appellant ghal dak li jirrigwarda l-prova tal-*fingerprints* hu li fil-kaz *de quo* dawn ma setgha qatt ikunu prova sufficjenti sabiex tinstab htija fil-konfront tieghu, u dan peress li dawn instabu, skond hu f'post pubbliku, cioe` f'post fejn jidhlu hafna nies, u li**

**ghalhekk, skond hu, kellu jkun hemm xi forma ta' "korroborazzjoni". Din il-Qorti ma taqbilx. L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz *DPP v. Kilbourne* [1973] AC 729, p. 758 *"…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."* Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – <u>il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat</u>. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero`, jekk dik l-impronta tinstab fuq il-bieb ta' l-i*strongroom* tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb**……."

Minn qari akkurat ta` din il-parti tas-sentenza u partikolarment ta` dik il-parti li hija *underlined* bhala enfasi ta` din il-Qorti, ma jistax jinghad li dik il-marka/impronta wahedha li nstabet fil-lifter - 05BVA302 - *Impronta digitali misjuba fuq il-bieba ta` wara, naha tal-passiggier, minn barra* hi ta' xi valur probatorju. Il-fatt wahdu li nstabet dik l-impronta digitali ta' l-imputat *fuq il-bieba ta` wara, naha tal-passiggier, minn barra* ma jorbotx lill-imputat mal-kommissjoni tas-serqa.

Waheda, din l-impronta hi tali li ma tistax, legalment u ragjonevolment, tnissel fil-Qorti il-konvinciment morali li kienet il-persuna ta` l-imputat li kkommetta l-allegata serqa mill-vettura *de quo*. Peress illi din hi l-unika prova (prova indizzjarja) li l-prosekuzzjoni setghet tressaq f'dan il-kaz, gie li effettivament ma hemm xejn fl-atti li jorbot lill-imputat ma` din l-allegata serqa u mal-hsara fil-vettura msemmija.

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL MICHAEL ZAHRA MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------